FIT-TRIBUNAL GHAL-TALBIET ZGHAR
(GHAWDEX)

GUDIKATUR DOTTOR KEVIN MOMPALAO LL.D. Atem

Seduta tal-Hamis 12 ta' Novembru 2015

Avviz Numru 15/2015

J.Zammit Limited

Vs

Mariosa Chircop

**It-Tribunal-:**

Ra l-avviz prezentat mill-kumpanija attrici fid-disgha (9) ta' Gunju tas-sena elfejn u hmistax (2015) li permezz tieghu talbet il-hlas fis-somma ta' elfejn u sitta u disghin Ewro u wiehed u sittin centezmu (€2,096.61) oltre' l-interessi mid-data tas-sbatax (17) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) rapprezentanti l-bilanc ta' prezz dovut mill-konvenuta lis-socjeta' attrici ghax-xiri (higher purchase) maghmul minnha tal-vettura tal-ghamla Peugeot 407 bin-numru ta' registrazzjoni LCQ 563. Dan bl-ispejjez kollha kif mitlub fl-istess avviz.

Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fit-tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elfejn u hmistax (2015) li permezz taghha in linea preliminari eccepiet in-nuqqas ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal ghaliex kif jirrizulta anke' mill-eccezzjonijiet it-talba attrici tmur lil hinn minn semplici money claim u tinvolvi ezami ta' kwistjonijiet li jesorbitaw il-kompetenza tat-Tribunal. Fit-tieni lok gie eccepit illi l-forum conveniens huwa dak f'Malta. Fit-tielet lok gie eccepit illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt. Illi fir-raba' lok gie eccepit illi l-ftehim ta' higher purchase gie rexiss u terminat f'Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014) meta s-socjeta attrici hadet il-vettura de quo lura minghand il-konvenuta bi qbil bejn il-partijiet u minghajr ebda riserva dwar xi ammonti ulterjuri. Eccepiet ukoll illi dan ma sehhx minhabba xi nuqqasijiet tal-konvenuta izda ghall-nuqqasijiet serji fil-vettura kkonsenjata. Finalment gie eccepit illi kwantu l-kumpanija attrici qed tibbaza ruha fuq l-iskrittura tas-sebgha u ghoxrin (27) t'Awwissu tas-sena elfejn u erbatax (2014) dan ukoll huwa infondat fid-dritt u fil-fatt ghaliex l-iskrittura qatt ma giet iffirmata mill-ecceppjenti.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ra d-digriet tieghu tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015) li permezz tieghu din il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni ghas-seduta tal-lum.

Ikkonsidra

Illi dan it-Tribunal jiddeplora l-agir tal-konvenuta illi wara illi tat din l-eccezzjoni naqqset milli tipproduci provi in sostenn tal-istess eccezzjoni. Fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Settembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) l-konvenuta inghatat kwazi xahar zmien biex tipprezenta affidavit jew affidavits in sostenn tal-istess eccezzjoni. Fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) t'Ottubru elfejn u hmistax (2015) hija giet moghtija estensjoni ta' ghaxart (10) ijiem sabiex tipprezenta dan l-affidavit jew affidavits. Il-konvenuta xorta wahda ma ikkoperatax u ma ipprezentat l-ebda affidavit.

Ghalhekk dan it-Tribunal ser ikollu jghaddi ghal decizjoni fuq l-ewwel eccezzjoni minn dak li jirrizulta mill-bqija tal-atti.

Dan it-Tribunal wara li ezamina sewwa l-atti kollha esebiti ma jidhirlux illi l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza hija wahda misthoqqha. Jidher car u tond illi t-talba tal-kumpanija attrici hija money claim li bhala ammont taqa' fil-kompetenza ta' dan it-Tribunal. Izda kif inhu maghruf il-kompetenza ma titnissilx biss mit-talba izda wkoll minn natura tal-eccezzjonijiet. Mill-istess natura tal-eccezzjonijiet dan it-Tribunal ma jidhirlu li hemm xejn illi jitolbu jiehu decizjonijiet illi jmorru lil hinn mill-parametri illi tipprefiggilu l-ligi.

Jidher illi l-kumpanija attrici qeghda tibbaza t-talba taghha fuq il-fteheim tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbatax (2014). Illi dan il-fteheim jistipula illi l-konvenuta fadlilha thallas is-somma ta' elfejn Ewro (€2,000). F'eccezzjoni partikolari l-konvenuta tghid illi hija ma iffirmatx dan id-dokument. Id-dokument jidher debitament iffirmat. Izda din l-eccezzjoni li tifforma parti mill-mertu u kwindi ghad trid tigi investigata ma tohrogx il-barra mill-kompetenza ta' dan it-Tribunal. L-anqas l-eccezzjonijiet l-ohra. Ghaldaqstant l-ewwel eccezzjoni ser tigi michuda.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-ewwel eccezzjoni u jordna l-presegwiment tal-kawza fil-mertu. Bl-ispejjez ta' din is-sentenza preliminari jitbghatew mill-konvenuta.

**Kevin Mompalao**

**Gudikatur**

**D/Registratur**